MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 5/2002

**Frank Refalo**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Lulju 2002 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Dan l-appell jaqra hekk:-

"*Illi huwa gie imcahhad mill-beneficcju tac-Children Allowance ta' binu Marco Refalo ghal perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1997 sa l-ahhar ta' Gunju tas-sena l-2000 u ircieva biss l-allowance mill-1 ta' Lulju 2000 sal-24 ta' Novembru 2000 fl-ammont ta' Lm114,24c0m.*

*Illi ghal istess fini l-esponenti jhoss li gie michud mid-dritt tac-Children's allowance u qieghed jinterponi appell fuq principju importanti u dana peress illi l-esponenti dam sentejn u nofs* ($2^{1}/_{2}$) *jinsisti ghal l-istess beneficcju u kull darba id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali beda jtawwal u jitlob informazzjoni ulterjuri;*

*Illi l-punt importanti involut huwa illi l-Istat ghandhu jagixxi bhal bid-diligenza tal-"bonus pater familias" u "iure gestionis", l-Istat huwa obbligat amministrattivament li jipprocessa applikazzjoni simili ma jkomplix jtawwalha u jgebbidha bla bzonn.*

*Ili huwa inkoncepibbli li ghad-dewmien amministrattiv ta' dipartiment tal-Gvern jehel ic-cittadin u jinghalaq l-file u b'dina l-iskuza, l-esponenti jigi michud id-dritt li jiehu dak li huwa legalment tieghu u jinghata biss l-beneficcju mill-1 ta' Lulju 2000 sal-24 ta' Novembru 2000;*

*Illi l-esponenti jhoss li dana huwa principju ta' mportanza li l-arbitru ghandhu jinvestigah u jiddecidi dwaru;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dana l-appell tieghu jigi milqugh u b'hekk tigi revokata d-decizjoni tal-istess Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u li huwa jinghata l-beneficcju tac-Children's Allowance min meta applika u cioe` mill-1 ta' Lulju 1997*".

Risposta tad-Direttur:-

"*L-appellanti ghamel it-talba tieghu ghall-"Allowance" tat-Tfal ghall-perjodu mill-5 ta' Lulju 1997 sat-3 ta' Lulju 1998, fid-9 ta' Gunju 1997 fuq il-formula AT 1/96.*

*Peress li f'din it-talba l-appellant iddikjara li kellu "Director's Fees", ta' Lm2,500, id-Dipartiment kien talab lill-appellant biex jissottometti kopja ta' l-Audited Final Accounts tal-Kumpanija li fiha s-Sur Refalo kien direttur.*

*Ghalhekk, id-Dipartiment kien baghat fotokopja ta' din l-applikazzjoni (mmarkata Dok A) fl-Ufficcju Distrettwali ta'*

*Victoria f'Ghawdex minn fejn kienu intbaghtu zewg avvizi lill-appellant biex jissottometti d-dokumenti mehtiega.*

*Wara zewg avvizi, fit-13 t'Awissu 1997 u fis-17 ta' Dicembru 1997, u dan ta' l-ahhar b'posta rregistrata, l-appellant mar fl-ufficcju ta' Victoria fit-19 ta' Dicembru 1997, u spjega, permezz ta' nota iffirmata minnu, li l-audited accounts ghas-sena 1996 ma kienux lesti izda li dawn kellhom ikunu lesti sa l-ahhar ta' Jannar 1998 u li kellhom jintbaghtu lid-Dipartiment (ara Dok B).*

*Sal-lum il-gurnata dawn id-dokumenti,hawn fuq imsemmija, u wara perjodu ta' tlett (3) snin ghadhom ma gewx ricevuti mid-Dipartiment.*

*L-Att dwar is-Sigurta` Socjali Kap 318 fl-Artiklu 97 (1)(b) jipprovdi kif gej –*

*97. (1) "Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna moghtija taht id-dispozizzjoni ta' dan l-Att li –*

*(b) tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda ghall-fini li jigi stabbilit il-jedd taghha ghal dak il-beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna li d-Direttur jista', minn zmien ghal zmien, jehtieg u ghal dak il-ghan tmur f'dak l-ufficcju jew post kif id-Direttur jista' jistabbilixxi."*

*La darba l-appellant naqas milli josserva d-dispozizzjoni tal-paragrafu (b) tas-subartiklu (1) ta' l-artiklu 97 ta' dan l-Att, id-Dipartiment ma setax ihallas l-"Allownce" tat-Tfal ghall-perjodu mill-5 ta' Lulju 1997 sat-3 ta' Lulju 1998.*

*2. Fir-rigward ta' L-"Allowance" tat-tfal ghall-perjodu minn 4 ta' Lulju 1998 sat-2 ta' Lulju 1999, id-Direttur jissottometti illi la darba l-appellant naqas li jibghat it-talba tieghu biex jithallas l-"Allowance" ghall-dan il-perjodu, id-Dipartiment ma jkunx jista' jhallas din l-"allowance".*

*It-talba ghall-"Allowance" ghal dan il-perjodu kellha ssir fuq il-formula AT 1/97. Din it-talba d-Direttur kien*

*stabbilixxa li kellha tasal fid-Dipartiment sal-31 ta' Marzu 1998, liema zmien kien gie estiz b'sitt xhur u erba' gimghat. Ghalhekk fin-nuqqas ta' din it-talba d-Dipartiment ma setax ihallas lill-appellant l-"Allowance" ghall-perjodu minn 4 ta' Lulju 1998 sat-2 ta' Lulju 1999.*

*L-Artiklu 97(1) (a) tal-Kap 318 jipprovdi dwar dan.*

*3. Fil-15 ta' Marzu 2000, l-appellant ghamel talba ghall-"Allowance" tat-Tfal ibbazata fuq id-dhul ghas-sena 1998 u kienet bla dokumenti (ara Dok C).*

*F'din it-talba, l-appellant iddikjara dhul minn imghaxijiet jew investimenti ohra u minn Pensjoni ta' l-Invalidita`, liema pensjoni ma kienet qed tithallas mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali.*

*Id-Direttur josserva li minkejja li l-appellant kien avzat fuq il-formula stess f'pagna 2 (isfel) li, "ebda talba ma tkun tista' tigi ikkunsidrata minghajr id-dokumenti kollha mehtiega", liema dokumenti kif avzat ukoll, huma elenkati f'pagna 4 ta' l-istess formula, dan naqas ghal darb'ohra li josserva l-procedura.*

*Mid-Dokumenti immarkat Dok D, jidher li fid-29 ta' Mejju 2000, il-mara ta' l-appellant ikkomunikat bit-telefon ma Ms Dorianne Coleiro, li hija skrivan fit-taqsima ta' l-Allowance tat-Tfal, u li juru li Ms Coleiro ikkomunikat lura ma l-appellant u talbitu d-dokument necessarju (il-P3 tal-Pensjoni ghas-sena 1998), biex tkun tista' tigi mahduma din it-talba, datata fil-15 ta' Marzu 2000, fuq id-dhul tas-sena 1998.*

*Fl-24 ta' Marzu 2000, l-ufficcju Distrettwali ta' Victoria ircieva l-formula AT(D)2000 ghan-nom ta' l-appellant u l-konjugi tieghu. (ara Dok E). Din il-formula hija talba ghall-"Allowance" tat-Tfal ghal-perjodu mill-1 ta' Lulju 2000 sas 6 ta' Lulju 2001 u hija bbazata fuq id-dhul tas-sena 1999.*

*Ghal darb'ohra din it-talba kienet ricevuta minghajr id-dokumenti mehtiega minkejja l-avvizi li jinsabu f'pagna 2.*

*Ghalhekk, fin-nuqqas tad-dokumenti necessarji ghall-ipprocessar ta' din it-talba, id-Dipartiment baghtha lura fl-Ufficcju Distrettwali ta' Victoria b'istruzzjonijiet ghalihom biex jitolbu minghand l-appellant id-dokument mehteiga (ara Dok F).*
*Dan sar fl-24 ta' Lulju 2000.*

*Hawnhekk irid jigi osservat li bejn Marzu u Awwissu ta' kull sena it-Taqsima ta' l-Allowance tat-Tfal tkun taht pressjoni ta' xoghol qawwija biex tipprocessa madwar 42,000 applikazzjoni bhala "Review Exercise" li jsir annwali.*

*L'ufficcju Distrettwali ta' Victoria bghatu ghall-appellant tlett darbiet biex igib dak rikjest minnu.*

*L-ewwel avviz kien fil-25 ta' Awissu 2000.*
*It-tieni avviz kien fid-9 t'Ottubru 2000.*
*L-ahhar avviz b'ittra registrata, kien fl-1 ta' Dicembri 2000.*

*Fit-22 ta' Dicembru 2000 l-appellant mar fl-ufficcju ta' Victoria u pprezenta zewg dokumenti mmarkata Dok G u Dok H – li huma mahruga mid-Dipartiment tat-Tezor u huma datati fit-19 ta' Dicembru 2000. Dawn juru kemm l-appellant irceva pensjoni fid-snin 1998 u 1999.*

*L-appellant dam seba' (7) xhur biex igib dawn id-dokumenti.*

*Minhabba dan id-dewmien ezagerat, da parti ta' l-appellant, biex igib il-P3 ghas-sena 1998 tal-pensjoni mit-Tezor, id-Dipartiment mexa skond ma jipprovdi l-Artiklu 98 (4).*

*Ghalhekk, l-"Allowance", giet moghtija lill-appellant b'effett mill-1 ta' Lulju 2000, jigifieri sitt xhur b'lura minn meta gew ipprezentati id-dokumenti mehtiega.*

*Id-Dipartiment jikkonkludi billi jghid li dan il-kaz kien ikollu konkluzjoni/assessment aktar posittiva li kieku l-appellant*

*ikkopera aktar biex jassigura li l-informazzjoni mitluba tasal fid-dipartiment mill-aktar fis possible"*

PROVI TAL-APPELLANT:-

*"Jiena, Francis sive Frank Refalo, irtirai, bin Michael u l-mejta Jane nee' Bjada, imwieled Xaghra, Ghawdex u residenti fin-numru mija u hamsa (105), fi Triq Ta Cenc, Sannat, Ghawdex, karta tal-identita' numru 82745 (G) niddikjara u nikkonferma bil-gurament illi fi Frar ta' kull sena mill-1996 sal-1998 jiena kont baghat dejjem bil-posta regolarment kopja tal-pensjoni tieghi li nircievi mid-Dipartiment tat-Tezor lid-direttur tad-Dipartiment tas-Social Welfare. F'nofs 1999 is-Sur Gatt li hu impjegat tad-Dipartiment tas-Social Welfare kien avvicinani li ma rcieva l-ebda dokument minghandi li jindika x'pensjoni qieghed nircievi. Wara li ghedtlu li jiena kont baghat id-dokumenti relattivi kollha lid-Dipartiment koncernat hu qalli jekk ma nibghathomx kienu ser iwaqqfuli ic-childrens allowance. F'nofs is-sena 2000 kienu regghu qaluli li ma rcevew xejn u rega' baghtli sabiex nehodlu d-dokumenti relattivi. Wara li qaluli hekk jiena mort fejn is-Sur Frankie Bajada li hu impjegat mad-Dipartiment tat-Tezor li tani kopji ufficjali li jindikaw il-pensjoni li rcevejt bejn is-sena 1996 u s-sena 2000 u immedjatament hadthom b'idejja lis-Sur Gatt. Irrizulta li baghtuli ic-childrens allowance mill-bidu ta' Lulju tas-sena 2000 sa Novembru tas-sena 2000, izda qatt ma rcevejt ic-childrens allowance tas-snin 1997, 1998 u 1999."*

Affidavit tal-appellant:-

*"Jiena, Francis sive Frank Refalo, irtirat, bin Michael u l-mejta Jane nee' Bajada, imwieled Xaghra, Ghawdex u residenti fin-numru mija u hamsa (105), fi triq ta' Cenc, Annat, Ghawdex, karta tal-identita' numru: 82745 (G), niddikjara u nikkonferma bil-gurament illi fit-tmintax (18) ta' Marzu tal-elf disa' mija disa' u disghin (1999) jiena kont baghat bil-posta kopja tal-profit and loss accounts tal-kumpanija "Frank's Garage Limited" C. 4959 lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Social Welfare*."

Xhieda ta’ Frankie Bajada:-

*“Jiena ghandi l-kariga ta’ Principal fl-ufficju tat-Tezor gewwa Ghawdex. Jiena l-uniku ufficjal f’Ghawdex ta’ dan id-dipartiment.*

*Jiena niftakar li madwar tlett snin ilu kien gie l-appellant fl-ufficju tieghu u kien infurmani illi l-P3’s illi kien baghtlu d-dipartiment ma setghax isibhom u ghalhekk talabni sabiex jottjeni kopji taghhom. Dak iz-zmien jiena kont ghamiltlu P3 wahda pero’ xi sena, sena u nofs wara kien rega’ gie u rega’ qalli illi baghathom u d-dipartiment rega’ qal li ma rceviehomx. Niftakar illi f’dik l-okkazjoni jien kont hrigtlu P3’s ta’ tlett snin konsekuttivi. It-tlett snin li qed insemmi setghu kienu jew ’97, ’98, ’99, jew ’98, ’99, 2000.*

*Kontro-Ezami.*

*Safejn nista’ niftakar l-indirizz illi kien hemm fuq il-P3’s kien indirizz korrett. Jiena niftakar illi meta ghamiltlu t-tlett kopji tal-P3’s kien qalli specifikatament illi tad-dipartiment tas-Sigurta` Socjali kienu nformawh illi l-applikazzjoni u d-dokumenti li kien pprezenta, anzi nikkoregi ruhi, l-P3’s illi kien qal li baghat ma kienux sabuhom. Qed nigi muri zewg P3’s datati 19/12/2000 annessi mal-applikazzjoni tal-appellant li waslet fid-dipartiment fl-24 ta’ Marzu 2000 u naghraf fuq it-tnejn il-firma tieghi fuqhom. Issa qed nigi muri l-original tat-tlett P3’s b’dati tnejn 19/12/2000 u wahda 11/4/2001 u naghraf il-firma tieghi fuq dawn id-dokumenti u nispjega illi l-ewwel data fuq kull dokument tirraprezenta d-data li nhareg dan id-dokument. Jiena nikkonferma illi d-dokumenti nhargu fid-dati li ghadni kemm semmejt u meta kont qed nirreferi fix-xhieda precedenti ghat-tlett snin konsekuttivi dawn it-tlett snin konsekuttivi jirreferi l-perjodu li ghalih l-P3 nhareg. Qed nara dawn id-dokumenti u niccara illi tnejn minnhom nhargu f’gurnata wahda u t-tielet wahda nharget f’data separata. Jien nghid illi fiz-zmien precedenti jiena kont hrigtlu P3’s ohrajn u x’aktarx ghall-istess perjodu illi dawn it-tlett dokumenti jew uhud minnhom jirreferu.”*

Xhieda ta Charles Gatt:-

"*Jiena ghandi l-kariga ta' Head fl-Area Office ta' Victoria, sezzjoni Children's Allowance.*

*Qed nesebixxi kopja tal-ledger illi jiena nzomm u nikkonferma illi fl-20 ta' Dicembru 2000 l-appellant ipprezenta applikazzjoni ghac-Children's Allowance u P3's tat-Tezor. Peress wara l-kelma P3 hemm l-ittra 's' miktuba jiena nghid illi huwa pprezenta aktar minn P3 wahda. Meta jien kont irrimarkajt lill-appellant ghaliex kien gie jipprezentahom daqshekk tard hu kien qalli li fil-fatt kien diga` pprezentahom. Meta staqsejtu allura ghalfejn qed jerga' jipprezentahom kien qalli ghaliex l-ohrajn kienu ntilfu. Jien nikkonferma illi l-posta li nircevu 'The Director of Social Security' jiena ma niftahiex. Dana peress illi jiena ghandi l-kariga ta' AA, hemm zewg EO's u Clerk u meta nircevu envelope indirizzat lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali kif ghidt ma nifthuhx u nibaghtuh lil Anton Hili li qieghed fis-sezzjoni tal-Istaggers fid-dipartiment tas-Sigurta' Socjali pero' m'ghandux x'jaqsam mac-Children's Allowance. Din il-procedura nadottawha peress illi m'ghandniex Direttur fis-sezzjoni tieghi u ghalhekk nibaghtuha lil Anton Hili sabiex jiehu decizjoni hu. Din il-procedura ilha tintuza mill-ahhar elezzjoni 'l hawn jigifieri mill-1998. Qabel kienu jinfethu l-envelopes indirizzati lid-Direttur minn certu Victor Camilleri illi kellu l-kariga ta' Senior A.O. Nikkonferma li Anton Hili m'ghandu x'jaqsam xejn mas-sezzjoni tac-Children's Allowance. X'jaghmel bl-envelopes illi jircevi mill-kaxxa li nitfghuhom fiha jiena ma nafx. Mistoqsi hekk niftahx envelope li jkun indirizzat Direttur tas-Social Welfare jiena nghid illi lanqas dak it-tip ta' envelope ma niftah. Jiena nirregistra biss dik il-korrispondenza li jiena niftah kif spjegajt. Jekk ikun envelope indirizzat lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali jew Direttur tas-Social Welfare, jiena dan l-envelope la nifthu u lanqas nirregistrah x'imkien*."

Xhieda ta' John Attard:-

"*Jiena prezentement nokkupa l-kariga ta' Principal Reconciliation Section tad-dipartiment gewwa Ghawdex. Jien f'din il-kariga ilni ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs*

*ghalkemm snin qabel kont ukoll nokkupa l-istess kariga. Qed tinqrali mill-Arbitru ix-xhieda li kien ta Charles Gatt fejn saret referenza ghalija u nikkonferma illi naqbel ma' dak li xehed Charles Gatt. Nispjega, x'jaghmel ezattament illum jiena ma nistax nghid u cioe' jiena ma nafx jekk jibghathomx lil Anton Hili jew le pero' nikkonferma illi qabel l-1998 l-envelopes indirizzati lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali kienu jintbaghtu lili. Jekk fl-1997 ikun gie f'idejja envelope indirizzat Direttur tas-Sigurta` Socjali Rabat Area Office jew Victoria Area office jiena dak l-envelope kont nifthu. Pero' jekk tkun indirizzata Direttur tas-Sigurta' Socjali Ordinance Street u allura tali envelope ikun ingieb 'by hand' jew inkella bi zball bil-posta dawn l-envelopes jien ma kontx niftahhom izda inpoggihom fil-garzella sabiex il-messaggier iwassalhom il-Head Office Malta."*

Min-naha tad-Direttur il-provi imressqa jikkonsistu fil-kopja tal-applikazzjonijiet u dokumenti relativi.

Minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li s-sistema gewwa l-ufficcju tad-Dipartiment go Victoria Ghawdex tohloq potenzjal ta' incertezza dwar dokument li cittadin ikun baghat jew wassal hemmhekk effettivament f'idejn min ikun spicca. Il-fatt li hija prassi tad-Dipartiment li ma jirrilaxxja ebda acknowlegment johloq certu ammont ta' incertezza u dubju dwar jekk effetivament applikant ikunx tefa applikazzjoni jew dokument. Il-fatt li ufficjal tad-dipartiment fl-area office ta' Victoria inkarigat proprju mill-beneficcju tac-children's allorance jiddikjara li jekk ikollu envelope indirizzat lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali huwa ma jifthux u ma jafx x'isir minnu jitfa incertezza fil-procedura li fic-cirkostanzi u skond in-normi legali ghandha tmur favur l-appellant in linea tal-massima legali "in dubio pro reo". Ghalhekk l-Arbitru jiddikjara li l-verzjoni tal-appellant li huwa baghat id-dokumenti fiz-zmien li qal li baghtilhom qed tigi accettata.

Ser jigu trattati u decizi l-aggravji tal-appellant relatati mal-perijodu differenti in kwistjoni.

Ghal perijodu mill-5 ta’ Lulju 1997 u 3 ta’ Lulju 1998 l-applikazzjoni saret fid-9 ta’ Gunju 1997. Sa Sicembru 1997 huwa kien iddikjara li ma kienux ghadhom lesti l-audited accounts tas-sena 1996. Ghalhekk f’dan il-kaz ghandu japplika l-artikolu 98 (4) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali li jipprovdi illi:-

“*Minkejja kull dispozizzjoni ta’ dan l-Att, kull talba ghal hlas ta’ xi beneficcju, pensjoni, ghajnuna jew allowance taht dan l-Att ma ghandhiex tithallas bl-arretrati ghal perijodu ta’ izjed minn sitt xhur, kif jista’ jiddeciedi d-Direttur, jekk l-istima jew l-istima mill-gdid jew il-hlas kontinwat dwar dik it-talba nzammet lura bhala rizultat tan-nuqqas ta’ osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 97 ta’ dan l-Att minn naha ta’ min ikun ghamel it-talba*.”

Ghal perijodu mill-4 ta’ Lulju 1998 sat-2 ta’ Lulju 1999 l-appellant ma pprezenta ebda applikazzjoni tac-children’s allowance u ghalhekk id-Direttur huwa ipprojbit li jhallas beneficcju fir-rigward stante li l-artikolu 97 (1)(a) tal-Att jipprovdi illi:-

“*(1) Tkun kundizzjoni tal-jedd ta’ xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna moghtija taht id-dispozizzjonijiet ta’ dan l-Att li –*

*(a) taghmel talba ghaliha fuq formola provduta mid-Direttur ghal dak il-beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna jew f’dak il-mod l-iehor li d-Direttur jista’ xort’ohra jiddeciedi dwar xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna partikolari jew dwar xi talba partikolari, u li dik it-talba tkun ufficjalment ricevuta mid-Dipartiment fil-limiti taz-zmien rispettibi stabbiliti bis-subartikolu (2) ta’ dan l-artikolu.*”

L-applikazzjoni ipprezentata mill-appellant fil-15 ta’ Marzu 2000 fejn hemm indikat fiha d-dhul tal-appellant ghas-sena 1998 giet definittivament ipprezentata tardivament.

Dwar il-perijodu mill-1 ta’ Lulju 2000 sas-6 ta’ Lulju 2001 fejn l-applikazzjoni giet ipprezentata fl-24 ta’ Marzu 2000 l-

Arbitru jirreferi ghal dak dikjarat supra u jiddikjara li l-appellant ghandu dritt ghall-beneficcju ghall-perijodu kollu.

Ghaldaqstant l-Arbitru jilqa' parzjalment dan l-appell."

Minn din id-decizjoni appella Frank Refalo bl-aggravju illi l-Arbitru ma kellux ma jaccettax l-appell tieghu quddiemu. Huwa jissottometti li ressaq provi konklussivi li kien baghat id-dokumenti kollha rikjesti lilu mid-Dipartiment u konsegwentement it-talba tieghu kellha titqies gustifikata. Kemm fil-korp tal-appell kif ukoll fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti l-appellant ressaq l-argoment illi anke kieku, gratia argomenti, kellu jinghad li hu baqa' ma pprovdiex tempestivament xi dokument jew dokumenti dan se mai kellu jikkolpixxi biss il-perijodu anterjuri ghal meta dawn gew hekk provvduti u mhux ghas-snin kollha tar-reklam tieghu.

Id-Direttur appellat ghazel mhux biss li jwiegeb ghall-aggravju interpost mill-appellanti fis-sens li din il-Qorti kellha tikkonferma d-decizjoni tal-Arbitru fejn cahad it-talba ghall-Allowance tat-Tfal ghall-perijodu antecedenti ghal Lulju 2000, izda addirittura ntavola wkoll appell incidentali fuq il-motiv delinejat fil-gravam tieghu illi l-Arbitru ma messux laqa' l-appell quddiemu fir-rigward tal-perijodu bejn Lulju 2000 sa Lulju 2001. Huwa jadduci illi l-appellant ma kienx gab provi sufficcjenti ghall-akkoljiment ta' din il-parti tal-appell quddiem l-Arbitru.

Dan premess, ma jistghax jezisti ebda dubju illi l-oneru tal-prova ta' fatt allegat jinkombi dejjem fuq min jallega tali fatt. Fil-kaz prezenti ghalhekk l-appellant htieglu jiskarika dan il-piz billi juri ghas-sodisfazzjon tal-Arbitru illi, in suffragju tal-allegazzjoni, huwa kien issottometta d-dokumenti mehtiega mitluba lilu mill-appellat, kif dan, bil-fakolta` lilu koncessa mill-Artikolu 97 (1)(b), seta' hekk jezigi minn ghandu.

Huwa ndiskuss illi l-esigenza tal-produzzjoni ta' "certifikati, dokumenti, informazzjoni u xhieda" in sostenn tal-jedd pretiz ghall-beneficcju kienet hekk necessarja biex id-Direttur, bhala l-ewwel arbitru appuntat mil-ligi, japprezza

ahjar it-talba u jiddeciedi dwarha. Il-prova li din il-produzzjoni effettivament saret kienet allura nkombenti fuq l-appellant. Anzi l-kwestjoni kollha nvoluta f'dan il-kaz taggira proprju dwar prova bhal din.

Fiz-zewg Affidavits tieghu l-appellanti jistqarr illi, kuntrarjament ghal dak li jikkontestalu l-appellat, huwa dejjem baghat regolarment bil-posta l-kopja tad-dokumenti mitluba minn ghandu, kompriz il-kopji tal-P3's konfermanti l-pensjoni ricevuta kif ukoll il-kopja tal-Profit and Loss Accounts tal-kumpanija "Frank's Garage Limited" li jghid li mposta lid-Dipartiment fit-18 ta' Marzu 1999.

Jidher mill-motivazzjoni tas-sentenza appellata illi l-Arbitru, fuq l-accertamenti tal-provi mressqa quddiemu, anke minn naha tax-xhieda mpjegati tad-Dipartiment jew tat-Tezor f'Ghawdex, accetta l-versjoni tal-appellanti. Dan wara li rrelata illi s-sistema operanti fid-Dipartiment gewwa Ghawdex kienet tohloq potenzjal ta' ncertezza dwar jekk dokument mibghut ikunx twassal imbaghad ghand il-persuna idonea fid-Dipartiment.

Raggunta din il-motivazzjoni wiehed kien jistenna, b'logika guridika, illi gjaladarba l-Arbitru kkonsidra li kellu jikkonforta l-versjoni tal-appellant, d-decizjoni tieghu kellha necessarjament jkollha ness konsegwenzjali mal-parti razzjonali tas-sentenza. Dan ma jidherx li hekk sar f'dan il-kaz, anke ghaliex ma jidherx, imbaghad, li ghall-fatti gew applikati n-normi korrispondenti tal-ligi.

Jirrizulta in effetti illi l-Arbitru akkolja biss parzjalment l-appell ghall-perijodu specifiku gja fuq indikat izda mbaghad cahdu ghal kumplament. Dan fuq l-assunt ta' dak sancit fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 98 ta' l-Att jew ghax l-applikazzjoni kienet tardiva.

Issa m'hemmx dubbju illi biex dritt potenzjali ta' pretendent jissarraf fi dritt effettiv huwa dejjem mehtieg li ssir talba ghal daqsekk. Talba li fil-kaz in ispece riedet issir kif preskritt fis-subinciz 1(a) ta' l-Artikolu 97. Riedu mbaghad jikkonkorru wkoll il-kondizzjonijiet, u l-osservanzi taghhom, li l-istess ligi tissokta tippreskrivi biex

id-Dipartiment ikun f'qaghda ahjar li jiddeciedi jekk ghandux jakkorda l-'allowance' mitlub.

Bhala fatti saljenti jirrizulta li l-appellant applika fuq il-formula preskritta ghac-Children's Allowance fid-9 ta' Gunju 1997. Ma jidherx li huwa kontestat illi talba bhal din saret fiz-zmien statutorju ta' sitt (6) xhur prevvist mis-subinciz 2 (c)(i) ta' l-Artikolu 97.

Jirrizulta wkoll minn dak ammess mill-istess appellanti, u accettat ukoll mill-Arbitru, kif fuq gja ravvizat, illi huwa pprovda nformazzjoni dokumentali dwar id-dhul tieghu bhala pensjoni mit-Tezor kif ukoll kopja tal-audit tal-kumpanija fit-18 ta' Marzu 1999. Certament ghalhekk huwa desumibbli minn dan, kif ukoll mill-approvazzjoni da parti tal-Arbitru tal-fatt mistqarr "li huwa baghat id-dokumenti fiz-zmien li jghid li baghthom", illi l-applikazzjoni tieghu ma seghetx tigi processata qabel l-ahhar data msemmija tat-18 ta' Marzu 1999.

Ma jirrizultax ghallanqas mill-atti illi l-applikazzjoni originali giet rigettata mill-appellat.

Issa sa fejn setghet tikkonstata din il-Qorti mill-ezami taghha tad-disposizzjonijiet relattivi l-ligi ma tipprovdiex li l-applikant ghandu kull darba u 'rebus sic stantibus' iressaq applikazzjoni gdida. Dan tghidu biss fil-kaz ta' skwalifika kif jidher mit-test tal-ligi fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 97. Huwa biss f'din il-kontingenza illi l-ligi tesigi illi l-applikant ghandu jaghmel talba 'ex novo' biex jista' jkun intitolat ghall-beneficcju. Fil-kaz in diskussjoni ma ngiebet l-ebda prova ta' xi skwalifika simili u lanqas, del resto illi t-talba li saret originarjament fid-9 ta' Gunju 1997 kienet giet rigettata. F'cirkostanzi bhal dawn mhux sewwa li jigi assunt "per impliciter" illi la ma gewx provvduti d-dokumenti, kif bosta drabi rikjest, allura t-talba kellha tkun meqjusa hekk rifjutata jew li allura l-applikant ma kienx jikkwalifika ghall-beneficcju.

Dan kollu ghandu jfisser allura illi gjaladarba l-Arbitru kien ammetta bhala plawsibbli l-ispjegazzjoni fil-versjoni moghtija mill-appellant, kellu jsegwi illi huwa jikkonsidra,

fil-kuntest tad-deliberazzjoni tal-appell, illi l-ahhar dokument rilevanti kien intbaghat fit-18 ta’ Marzu 1999. Li jfisser ukoll, b’sens komun u b’koerenza mal-motivazzjoni, illi dan wasal fid-destinazzjoni tieghu.

Dan premess, huwa hawn allura li kellhom jiskattaw l-effetti tas-subinciz (4) ta’ l-Artikolu 98 tal-Kap 318, li jrid li l-beneficcju ma ghandux jithallas bl-arretrati ghall-perijodu ta’ izjed minn sitt xhur jekk l-istima jew l-istima mill-gdid jew il-hlas kontinwat dwar dik it-talba nzammet lura bhala rizultat tan-nuqqas ta’ osservanza da parti tal-applikant tad-dispost tas-subinciz (1 b) ta’ l-Artikolu 97.

Korrettement intiz ghalhekk dan ghandu necessarjament ifisser illi l-appellant kien di diritto intitolat ghar-recezzjoni ta’ Children’s Allowance b’effett mit-18 ta’ Ottubru 1998. F’dan is-sens ghalhekk u in bazi ghal konkluzjoni raggunta din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa’ l-appell interpost.

Kwantu ghall-appell incidentali ghandu jinghad illi din il-Qorti ssibha ferm difficli biex serjament taghti wisq attenzjoni lill-aggravju nterpost mid-Direttur appellat meta dan proprju fir-risposta ghall-appell interpost mill-appellanti quddiem l-Arbitru ddikjara li huwa akkorda l-hlas tal-allowance b’effett mill-1 ta’ Lulju 2000.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell incidentali propost mid-Direttur appellat, takkolji l-appell principali tal-appellanti Frank Refalo billi tiddikjara illi dan kien intitolat ghall-beneficcju tal-Allowance tat-Tfal b’effett mit-18 ta’ Ottubru 1998.

L-ispejjez gudizzjarji tal-appell incidentali ghandhom jitbatew mid-Direttur appellat. Dawk tal-appell principali ghandhom fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------